KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 13

Il-ħdax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2020 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Soler | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*13.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*13.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*13.5 Rapporti ;*
*13.6 Website*
*13.7 Items ohra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*13.10 Mozzjonijiet ; Jum Tas-Sliema 17 ta' Mejju 2020*
*13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Sindku qal kelmtejn fuq Il-inċident li seħħ nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2020 fil-Ħamrun, fejn persuna tilfet ħajjitha fil-kumdita tad-dar tagħha minħabba sitwazzjoni pre-okkupanti li ilha tiġi rraportata lill-awtoritajiet mill-Kunsill ta' Tas-Sliema, u kunsilli oħrajn. Is-Sindku qal illi għandna niftakru l-memorja ta' din il-persuna u niftakru wkoll li din hija problema li jesperjenzaw is-Slimiżi minħabba n-nuqqas ta' kontroll illi hemm fis-siti ta' kostruzzjoni madwarhom. Is-Sindku qal illi kif dejjem jintqal, l-awtoritajiet ma għamlu xejn biex jipproteġġu n-nies minn dawn id-disgrazzjoni, fejn fil-fatt dawn ifarfru kull tip ta' responsabbilta. Semma eżempju partikolari li ġrat jumejn qabel l-inċident fejn persuna ċemplet biex tgħidlu li għamlet rapport lil BRO fuq xogħolijiet ta' demolizzjoni li saru bla ebda prudenza għal dawn ta' madwarhomn, u fejn il-BRO li huma responsabbli għall-infurzar waddbu r-responsabbilta fuq il-pulizija. Din hija xi ħaġa li qed isir ta' spiss u ħadd ma jrid jerfa responsabbilta.
Għalaq billi qal illi għandna noħorġu stqarrija fuq dawn in-nuqqasijiet li waslu biex saret traġedja oħra.

## 13.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

13.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera D.Soler, V.Galea Pace U W.Vella Baldacchino talbu biex ikunu skuzati. Żied illi l-kunsillier D.Muscat talab illi jkun skuzat sa 20:30 minħabba impenji tax-xogħol.

## 13.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

13.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 11*

**Il-kunsillier A.Debono wasal fis-18:20**

13.2.2 Is-Sindku qal illi saret laqgħa mall-Ministru [ref punt 11.2.3] fejn kien hemm preżenti is-CEO tal-P.A kif ukoll il-Perm Sec tal-Ministeru. Barra l-problema li għandna fuq il-ġbir tal-iskart minħabba l-ħinijiet tal-ftugħ tal-WasteServ, ġew diskussi wkoll affarijiet oħra, fosthom is-siġar ta' triq it-Torri mit-torri sall-kunvent u n-nuqqas ta' kontroll fuq in-numru ta' permessi li ħerġin mill- *Laqgħa mall-Ministru Aaron Farrugia [28/02/2020]*

Planning Authority għall-proġetti z-zgħar. Is-Sindku qal illi kienet laqgħa kordjali ħafna u jħoss illi għanda toħroġ ħafna frott mid-diskussjonijiet izda semma li l-problema tal-ġbir tal-iskart u inqalet mhix xi ħaġa faċli biex tissolva peress illi tirrikjedi pressjoni kbira fuq ir-riżorsi tal-WasteServ biex l-impjant tibqa miftuħa għalina.

13.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avola saret l-applikazzjoni [ref punt 11.2.4] l-AZS informawh illi l-pageant mhix se ssir. *Achievers Scheme*

13.2.4 B'referenza għal punt 11.2.6.is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li saret l-appell u r-referenza tagħha hija 00059/20 *Appell 00059/20: Guze Howard str*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi saret laqgħa mall-avukat Dr. Vella Galea, flimkien ma numru ta' residenti fejn dawn ir-residenti ġew informati bil-proċess u anka qablu li jħallsu l-parti tagħhom għall-appell. Żied illi jemmen illi għandna noħorġu Press Release u nagħtu punti għalfejn il-Kunsill, kif ukoll ir-residenti, huma kontra l-massa tal-proġett u mhux kontra zviplupp ġenerali tal-post.

13.2.5 B'referenza għal punt 11.2.7 is-Sindku qal illi Transport Malta approvaw layout għat-triq. Qal ukoll illi bagħtna wkoll biex il-bozza ssir bejn nos 7 u 8 Għar il-Lembi. *Għar il-Lembi.*

13.2.6 Is-Sindku qal illi saru taħdidiet mall-MIDI biex il-Planning Gain ill għandom iħallsu għall-applikazzjonijiet oħra li se jsiru f'isimhom, jintuzaw direttament biex isir il-proġett fil-ġnien u Playing Area. Qal illi saru diskussjonijiet magħhom, kif ukoll mall-Planning Authority biex l-affarijiet isiru kif suppost. Għandom jagħtu kontribuzzjoni ta' €229,000 u anka aċċettaw li jsir maintenance agreement magħhom għal perjodu ta' ħames snin. *Playing Fields: Qui Si Sana*

Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier J.Pillow li kien kellem lil MIDI biex jibdew dawn id-dikussjonijiet.

13.2.7 B'referenza għal punt 11.2.16, il-kunsillier A.Debono qal illi sfortunatament il-Parroċċi ħasru kollox u l-attivita mhix se ssir. Qal illi din provi li mhux il-Kunsill ma jagħmel xejn izda li mhux dejjem ikun hemm il-kooperazzjoni mingħand ħaddieħor. *15/05/2020*

13.2.8 B'referenza għal punt 11.2.10 is-Sindku qal illi se ssir kuntatt mall-Assoċażżjoni għall-proposta li saret fil-passat ma' MAPFRE Middlesea. Żied illi kienu saru 'rasied zebra crossings' f'triq it-Torri *Traffic controls*

fil-passat u dawn tneħħew meta IM għamlu x-xogħolijiet is-sena l-oħra. La issa huma kkonfermaw li mhux se ssir triq it-Torri, iridu naraw x'jista jsir.

13.2.9 B'referenza għal punt 11.7.1 il-Kunsill qabel illi jsiru kaxxi fejn jitħalla l-valenu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm laqgħa imsejjħa għal nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu fis-1pm. *Ġrieden: Qui Si Sana*

*Public Conveniences*

13.2.10 Is-Sindku qal ill dawn il-Public Conveniences qegħdin jaħdmu u hemm ukoll l-attendent. Jonqos ftit affarijiet bħal nappy changers u hooks. Fuq dan il-punt żied illi rċevejna No Objection mill-Cleansing għall-Public Convenience ta' Ferro Bay.

13.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-ebda borża barra dawk il-kuluri stipulati bil-liġi m'għandom jintuzaw għall-iskart. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi jintuzaw boroż suwed u jsiru stickers fuqhom li jindikaw li huma tal-Kunsill u li huma tal-kenniesa. *Borza tal-kenniesa*

13.2.12 Is-Sindku qal illi l-WSC ma qablux li l-Potable Water Fountain [ref punt 11.8.8] isir fejn il-monument tal-gwerra. Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li ssir waħda minflok fejn il-kamra ta' TM. Il-Kunsill qabel. *Potable Water Fountains*

13.2.13 B'referenza għal punt 11.8.14 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pompa għall-funtana ta' Independence Garden se tiswa bejn €1,200 u €1,400. Dawn il-fondi se jintuzaw mill-fond tal-LESA. *Pompa: Funtana Independence Gardens*

13.2.14 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti nru 11 jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. ***Approvazzjoni Minuti nru 11***

13.2.15 Il-kunsillier A.Debono ippropona li l-Minuti nru 12 jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. ***Approvazzjoni Minuti nru 12.***

## 13.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

13.3.1 Is-Sindku qara emajl ta' Zanzi Homes li talbu li juzaw l-advertisement boards biex jagħmlu slogans. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi dawn il-boards huma propjeta ta' ħaddieħor u bħalissa hemm kwistjoni fuqhom minħabba pagamenti. Il-kunsillier J.Pillow qal illi fl-ittra dawn għamlu referenza għall-postijiet oħra fejn m'hemmx boards cioe li se jagħmlu boards ġodda. *Zanzi Homes*

Il-Kunsill qabel illi jekk ikun hemm kompromess biex jużaw l-advertisement boards eżistenti hemm qbil, izda mhux biex isiru ġodda.

13.3.2 Is-Sindku qal illi l-Beach Club 1926 qegħdin jissuġerixxu li jsiru 2 pathways biex in-nies jinzlu komdi l-baħar madwar il-Beach Club tagħhom. Is-Sindku qal illi fl-ebda ħin m'hu se jaċċetta li dawn isiru privati u għandna ninsistu li jkunu għall pubbliku in ġenerali. Il-Kunsill qabel illi dawn isiru bil-patt u kundizzjoni li jsiru bil-liġi u jsiru għall-benefiċċju tall-pubbliku wkoll. Kien hemm qbil illi passaġġ waħda biex tiġi approvata, dik tax-xellug.

## 13.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

13.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 13.5 RAPPORTI

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-Rapporti ta' Str. Cleaning/ ġbir tal-iskart u Public Conveniences intbagħtu mad-dokumenti tal-laqgħa u staqsa jekk hemm kummenti. Il-kunsillier J.Pillow għamel referenza għal chat fuq WhatsApp fejn il-Contracts Manager kiteb illi l-Kunsill ma qabilx illi jsiru xogħolijiet ta' manutenzjoni ġewwa Public Convenience meta dawn għandom isiru mill-ġdid fix-xhur illi ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qatt ma intqal hekk. Qal anzi li l-kuntrattur kien qal dwar din il-problema u r-risposta kienet illi affarijiet zgħar, cioe mhux infrastrutturali għandom isiru. L-ispiza għal li kien hemm bzonn ammonta għal madwar €75 u jaċċerta li la hu, u anqas is-Sindku ma qalu biex ma ssirx.

13.5.2 Fuq il-kenniesa, il-kunsillier P.Radmilli qal illi m'għandux oġġezzjoni fuq xi punti mir-rapport izda qal illi ħaddiema tal-Fortina qegħdin joħorġu biex jieklu fit-triq, in-naħa ta' Ċensu Xerri, u jħallu l-ħmieġ warajhom. Qal illi rahom kemm il-darba u mhux tort tall-kennies illi wara li jagħmel xogħolhu jkun hemm l-imbarazz. Għamel talba biex tintbagħat ittra lil Fortina.

## 13.6 Website

13.6.1 Il-kunsillier P.Portelli qal illi saret laqgħa ma' persuna li jaħdem fuq websites ta' Kunsilli li offra pakkeġġ tajjeb. Qal illi wara din tista ssir Mobajl App. Wara diskussjoni s-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn deposit li l-Kunsill qabel illi nħallsu biex ikun jista jibda.

13.6.2 Kull kunsilliera għandom sa nhar il-Ġimgħa 13 ta' Marzu biex jibagħtu write-up fuqhom u fuq id-dekasteri tagħhom.

## 13.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

13.7.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi la ġejna nformati li triq it-Torri mhix se ssir, għandna nibagħtu lil IM biex jirranġaw il-culverts li għattew, u li niżlu, meta għamlu layer tarmakk IM sena ilu. Fakkar illi l-Kunsill ħallas €18,000 għax-xogħol u għandom jinzammu responsabbli.

13.7.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal qed ikun hemm ħafna posts fuq 'slime' fil-baħar u ma nafux min fejn ġej jew għalfejn qed tidher. Qal illi saru testijiet fil-passat izda qatt ma ingħatajna r-riżultati. Issuġerixxa li nibdew nieħdu samples li jiġu ttestjati minn laboratorju privat, u nivverifikaw l-informazzjoni biex inkunu f'pożizzjoni biex nagħtu l-informazzjoni li jixtiequ n-nies. Il-Kunsill qabel.

13.7.3 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk is-slielem tal-baħar se jsiru malajr ħalli ma jdumux bħal ma kien il-każ is-sena l-oħra. Is-Sindku fakkar illi dawn ix-xogħolijiet isiru minn 2 entitajiet oħra u dejjem jippruvaw jaqduna malajr. Il-kunsillier J.Pillow qal illi dawn m'għandomx isiru qabel Ġunju għax jekk isiru qabel ma tippermetti l-baħar, ma jinstabux hemm l-għada.

13.7.4 Is-Sindku qal illi wara li tneħħew l-istands tal-leaflets li saru illegalment madwar il-lokalita, sid ta' dawn l-istands ċempel u għandu jiġi l-Kunsill biex jitkellmu fuq il-problemi, kif ukoll il-flejjes li għadu ma ħallasx.

13.7.5 Is-Sindku talab illi kull tlett xhur tintbagħat rapport tax-xogħolijiet kollha li saru fil-perjodu.

**Il-kunsillier D.Muscat wasal għall-ħabta ta' 8.45pm. Il-kunsilliera I.Fenech telqet fl-istess ħin**

.

## 13.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

13.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli semma l-punti tal-laqgħa li nzammet nhar it-Tnejn 24 ta' Frar. Ir-rapport qegħda meħmuza ma dawn il-Minuti. Is-Sindku rringrazzja lis-sur Radmilli għax-xogħol u għas-serjeta tiegħu fit-tmexxija tal-bord. Il-Kunsill approva r-rapport. *Bord ta' fondi*

## 13.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

13.9.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu għandna noħorġu kuntratt għalina għad-dawl u mhux naħdmu mall-Joint Committee. Qal hemm nuqqas ta' kontroll u l-affarijiet għandom iknu taħt idejna. Is-Sindku qal illi l-ewwel għandna naraw fejn wasalna għax qatt ma kien hemm diskussjonijiet u kulħadd jaf illi t-tender ilha li skadiet tar-Reġjun izda kien hemm qbil illi tender toħroġ f'każ illi m'hemm l-ebda rabta mall-Joint Committee.

B'referenza għall nru 48 il-kunsillier J.Pillow qal illi l-kuntrattur diġa kien għamel xogħol u ma jaqbilx illi inħallsuh. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien intqal li x-xogħol sar minn kuntrattur ieħor fil-passat, u dan kien kuntrattur ġdid. Qal se jzomm il-pagament għar-raġuni li xorta qed tagħmel ħsejjes meta jagħdu karozzi [culvert].

Il-Viċi Sindku pproponiet li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-Vkunsillier E.Borg issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 13.10 MOZZJONIJIET

13.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 13.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

13.11.1 Is-seduta ntemmet fid-21.45. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 2 t' April 2020.

Minuti approvati llum nhar il-Ħamis 2 t'April 2020

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**